**"It-terapija ta' konverżjoni" hija prattika li tagħmel il-ħsara bbażata fuq l-omofobija u t-transfobija**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tenfasizza l-importanza ta’ leġiżlazzjoni li tipproteġi lill-individwi u lis-soċjetà mill-hekk imsejħa “terapija ta’ konverżjoni” li b’mod qarrieqi ssostni li interventi psewdoxjentifiċi jistgħu jbiddlu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru ta’ persuna.

Malta pprojbixxiet “it-terapija ta’ konverżjoni” fl-2016 bid-dħul fis-seħħ tal-”Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru u l-Espressjoni tal-Ġeneru”. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att li jipprojbixxu r-reklamar u t-tixrid “tat-terapija ta’ konverżjoni” mistennija jissaħħu b’emenda fil-liġi fil-ġimgħat li ġejjin.

"It-terapija ta’ konverżjoni" m'għandha l-ebda bażi fix-xjenza u hu magħruf li tagħmel ħsara psikoloġika, bħad-dipressjoni u l-ansjetà, lil dawk li jkunu suġġetti għaliha. Din hija speċifikament immirata lejn persuni LGBTIQ, b’mod partikolari individwi vulnerabbli bħal minorenni.

Barra minn hekk, “it-terapija ta’ konverżjoni” mhix biss hija ta’ ħsara għall-persuni li fuqhom tiġi pprattikata, iżda tikkontribwixxi wkoll biex ixxered falsitajiet u sterjotipi dwar persuni LGBTIQ fis-soċjetà peress li hija bbażata fuq it-twemmin żbaljat li l-orjentazzjoni sesswali hija xi marda li tista’ tiġi mfejqa permezz ta’ trattament. Il-promozzjoni u l-prattika “tat-terapija ta’ konverżjoni” għalhekk twassal għall-istigmatizzazzjoni ta’ persuni LGBTIQ u tfixkel l-inklużjoni sħiħa u ugwali tagħhom fl-isferi kollha tas-soċjetà.

Matul dawn l-aħħar snin, Malta għamlet passi sinifikanti 'l quddiem fir-rikonoxximent tad-dritt għall-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru. Madankollu, il-prattika u l-promozzjoni “tat-terapija ta' konverżjoni" għadha teżisti. Hija r-responsabbiltà kemm tal-Istat kif ukoll tas-soċjetà li jiżguraw li l-persuni LGBTIQ jgħixu f’kuntest soċjali sikur ħieles minn prattika ta’ ħsara bbażata kompletament fuq l-omofobija u t-transfobija.

**30 ta’ Jannar 2023**